MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 221/2008

**David Ellis (ID418390M) bhala Bursar**
**fl-isem u interess tal-Kullegg St Edward's**
**vs**
**David u Erika konjugi Pizzuto**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf hames mija u disgha u tmenin ewro u tmenin ewro centezmu (€1,589.80) rapprezentanti mizati ta' 'term' li gew rezi dovuti a tennur tal-artiklu 7.1 tar-regolamennti tal-Kullegg ta' St. Edward's stante illi l-konvenuti naqsu milli jaghtu l-preavviz mehtieg skont l-istess artiklu li t-tifel taghhom mhux ser jattendi l-iskola izjed u dan skont kont li jgib id-data tal-1 ta' Settembru, 2006 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A' u skont kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza.

Illi l-konvenuti David u Erika kojugi Pizzuto ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti.

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu kkundannati in solidum ihallsu 'l hawn fuq imsemmi ammont ta' €1589.80 lil attur nomine;

Bl-ispejjez kollha nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjli li ggib id-data tas-7 ta' Frar, 2008 u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghom minn issa.

Ra r-risposta tal-konvenut David Pizzuto fejn issolleva li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; li l-konvenuti m'ghandhomx u ma kellhomx rabta guridika ma l-attur; illi bla pregudizzju ghal dak espost l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148( c ).

Illi t-talba attrici hija nfondata billi qed jintalab hlas ghal servizz li ma nghatax u dan bla pregudizzju ghal dak espost.

Illi bla pregudizzju ghal dak espost, l-esponenti taw avviz xieraq li binhom ma kienx ser ikompli jattendi;

Illi l-ammont mitlub mhux cert u dan bla pregudizzju ghal dak espost; Illi bla pregudizzju ghal dak espost billi l-ammont mhux cert m'ghandhomx l-esponenti jsofru spejjez kif m'ghandhomx isofru spejjez ta' l-ittra ufficjali imsemmija li qatt ma wasslet ghandhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti pprezentati kollha in atti.

Ra li fuq talba tal-atturi giet ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tigi pprezentata kapitolu fil-konfront tal-konvenuta Erika Pizzuto li qatt ma dehret

ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal ghalkemm debitament notifikata skont il-ligi.

Semgha lill-konvenut David Pizzuto jiddikjara li huwa separat minn mal-mara u xtaq illi tigi notifikata. Illi t-Tribunal jinnota li r-risposta saret ghan-nom tal-konvenuti u mhux f'isem l-attur wahdu. Izda fic-cirkostanzi akkorda t-talba ghan-notifika separata minkejja l-fatt li ebda prova ta' separazzjoni ma ngabet mill-konvenut David Pizzuto.

Illi t-Tribunal ordna li l-mara Erika Pizzuto tigi notifikata skont l-indirizz imnizzel fil-karta ta' l-identita' taghha. Illi l-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenuta u wara notifika skont il-ligi, t-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-smiegh tal-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut David Pizzuto izda dan baqa' ma sehhx u l-konvenut David Pizzuto qatt ma rega' deher quddiem dan it-Tribunal minkejja li t-Tribunal zamm tlettax-il seduta ohra li jinkludi seduti li nzammu waqt tentativ ta' notifika lill-konvenuta Erika Pizzuto.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenuta Erika Pizzuto giet notifikata skont il-ligi izda baqghet ma pprezentatx risposta. Illi ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta Erika Pizzuto hija in kontumacja. Illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009 l-attur nomine pprezenta kapitolu fil-konfront taghha u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Novembru, 2009.

Illi ra li permezz ta' nota l-attur nomine rriduca t-talba tieghu fis-somma ta' elf u disgha u hamsin ewro u sitta u tmenin ewro centezmu (€1059.86).

Semgha t-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-attur.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar debitu allegatament dovut mill-konvenuti rapprezentanti mizati mhux imhallsa lill-Kullegg St. Edward's fejn kien imur skola iben il-konvenuti.

David Ellis nomine xehed illi huwa l-Bursar tal-Kullegg St. Edward's u qal illi iben il-konvenuti kien spicca is-sena skolastika ta' l-2006 sa 2007 u kellu jibda sena skolastika gdida tal-2007 u l-2008 izda ghal din is-sena skolastika gdida iben il-konvenuti qatt ma tfacca. Illi l-ammont dovut kien ghal term wiehed u ghalhekk giet ridotta s-somma mitluba kif diga' spjegat. Illi skont ir-regolamenti tal-Kullegg liema regolamenti jinghataw lill-genituri, l-artiklu 7.1 ta' l-istess regolamenti, genituri li jixtiequ jnehhu tifel mill-Kullegg ghandhom jaghtu xahrejn '*notice'* u fin-nuqqas ta' din in-notifika lill-Kullegg, il-genituri jkollhom ihallsu il-mizati ta' term. Dawn ir-regolamenti gew ezebiti u jirrizulta lit-Tribunal il-firma tal-genituri li kienu qieghdin jacettaw il-kontenut tar-regolamenti. Sussegwentement il-Kullegg baghat ittra sabiex ihallsu u kienu rcevew risposta permezz t' e-mail mill-konvenut David Pizzuto fejn infurmahom illi l-iskola kienet taf illi t-tifel ma kienx ser jirritorna l-Kullegg St. Edward's fil-harifa tal-2007.

Illi mill-provi irrizulta lit-Tribunal illi skont l-artiklu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St. Edward's jekk kemm-il darba studenti jixtiequ jitilqu ghandhom jaghtu xahrejn '*notice*' lill-Headmaster, fin-nuqqas hemm penali ta' mizata ta' term wiehed. Illi t-Tribunal jirrilleva li ghalkemm iben l-konvenuti kien wasal ghall-Form 5, huwa ma kienx tfacca ghall-ewwel term tal-harifa li tissejjah '*Advent*' term.

Illi minkeja diversi seduti ghas-smigh tal-provi tal-konvenut dan baqa' ma deherx u l-anqas qatt ma dehret martu, Erika.

Illi t-Tribunal ha jibbaza d-decizjoni tieghu skont il-provi migjuba quddiemu. Illi mill-provi t-Tribunal huwa konvint illi l-konvenut David Pizzuto naqas meta huwa ma nfurmax lill-Kullegg St. Edward's bil-miktub, illi ibnu Sam, ma kienx ha jirritorna l-Kullegg ghas-sena skolastika 2006-2007. Illi l-konvenuti kienu nghataw kopja tal-proceduri u regolamenti ta' l-iskola li huma kienu accettaw u ffirmaw. Illi f'dawn ir-regolamenti huwa specifikat illi skont artiklu 7.1 ta' l-istess regolamenti '*at least two months' notice must be given in writing to the headmaster before a student is withdrawn from the school*. *In default of such*

*notice, payment of one term's fee shall be due and the College reserves the right to proceed against defaulters according to law*.'

Illi mill-provi jirrizulta li ma kienx hemm '*written notice'* moghtija mill-genituri lill-Kullegg St. Edward's sabiex jgharrfu lill-'*Headmaster*' illi binhom Sam ma kienx ha jkompli jmur f'dak il-kullegg.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur nomine pprova l-kaz tieghu fil-konfront ta' David Pizzuto.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenuta naqset milli tidher ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009 ghalkemm imsejjha tlett darbiet skont il-ligi. Illi f'dik is-seduta gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta minn Rachel Bonello.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar, 2008 u bl-interessi mid-data tal-imsemmija ittra sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------